# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar, 2002**

**Numru 2**

**Rikors Nru. 567/96 GCD**

**Maurice Mizzi**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

**Ir-rikors promotur**

Ir-rikorrent Maurice Mizzi pproceda kontra l-Avukat Generali bis-segwenti rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali.

> "Illi huwa kien mizzewweg, u z-zwieg tieghu gie dikjarat null.
>
> Illi fil-kors taz-zwieg, il-mara tieghu kellha tarbija.
>
> Illi recentement huwa sar jaf b'certezza xjentifika, permezz tat-testijiet DNA, illi l-imsemmija tarbija ma kenitx bintu.

Illi skond l-Artiklu 70 tal-Kodici Civili vigenti fiz-zmien rilevanti, huwa seta' biss jirripudja l-paternita' tat-tarbija fil-kaz ta' mpossibilita' fizika ta' koabitazzjoni jew ta' separazzjoni legali fiz-zmien utili tal-koncepiment.

Illi anke bl-emendi ntrodotti fl-1993 ghall-imsemmi Art. 80, huwa ma setghax jimpunja l-paternita.

Illi d-dritt fundamentali ghar-rispett tal-hajja privata u familjari jinkludi wkoll id-dritt li r-relazzjoni familjari tkun regolata mic-certezza biologika u mhux minn presunzjoni legali li tikkonfliggi mar-realta' tal-fatti.

Illi ghalhekk in-nuqqas tal-Kodici Civili (jew ta' xi ligi ohra) li jippermeti lill-esponent li jagixxi biex jigi garantit lilu r-rispett ghall-hajja privata u familjari fuq imsemmi, jikser id-drittijiet fundamentali tal-esponent protetti mill-Art. 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogghobha taghtih kull rimedju li jidhirlha xieraq, fosthom li tiddikjara illi l-esponent ghandu d-dritt jipprocedi quddiem il-Qorti kompetenti bl-azzjoni tad-diskonoxximent tal-paternita', nonostante kull limitazzjoni kontenuta fl-Art. 70 tal-Kodici Civili."

## <u>Risposta</u>

L-Avukat Generali hekk irrisponda ghar-rikors promotur:-

"Illi din il-kawza diga' giet proposta quddiem din l-istess Qorti diversament presjeduta u giet ceduta fl-ewwel udjenza tal-21 ta' Ottubru 1996 'per meglio dirigersi'. Fil-fatt l-attur rega' ppropona l-istess kawza f'termini identici u ghalhekk ic-cessjoni kienet biss esercizzju sfaccat ta' 'forum shopping'. Ghalhekk l-esponent jissottometti illi din il-kawza ghandha titkompla quddiem l-Onor. Imhallef Frank G. Camilleri li quddiemu kienet bdiet u dan a skans ta' l-

ombra tal-'forum shopping' li hija diga' tant evidenti f'din il-kawza.

Illi peress illi l-interess guridiku tar-rikorrent biex jippromwovi l-azzjoni odjerna huwa bazat fuq l-allegazzjoni li huwa m'huwiex il-missier naturali tat-tifla li twieldet fiz-zwieg tieghu, fatt li jrid jigi pruvat skond id-dettami tas-smiegh xieraq u ma jistax jigi prezunt , l-prosegwiment ta' din il-kawza jinhtieg il-presenza fl-istess tal-parti l-ohra fiz-zwieg annullat tar-rikorrent kif ukoll tat-tifla li twieldet minn dak iz-zwieg.

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju u ghall-premess, it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur huma nfondati stante li r-restrizzjonijiet fuq l-azzjoni tad-denegata paternita li hemm fil-ligi Maltija huma necessarji f'socjeta' demokratika biex jizguraw ic-certezza tad-dritt u biex jipprotegu l-interessi tat-tfal u huma ghalhekk koperti bid-derogi stipulati fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Infatti t-termini ghall-preskrzzjoni jew dekadenza ta' l-azzjoni tad-denegata paternita jezistu fil-pajjizi li huma partijiet ghall-Konvenzjoni Ewropeja u anke l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li dawn huma konformi mal-konvenzjoni (vide Rasmussen case 28 ta' Novembru 1984).

Illi l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, citat mir-rikorrent m'huwiex enforzabbli skond l-Artikolu 46 ta' l-istess."

## Sentenza preliminari

Fis-6 ta' Dicembru, 1996 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet l-eccezzjoni imressqa mill-intimat illi r-rikorrent kien ghamel abbuz mid-dritt ta' azzjoni li taghtih il-ligi. F'dik is-sentenza l-Qorti waslet ghall-konvinciment li kienet tal-fehma li ma ngibux xhieda bizzejjed biex juru li r-rikorrent tassew kien hati ta' abbuz tal-poter gudizzjarju u qalet li l-

eccezzjoni ta' l-Avukat Generali ma setghetx tintlaqa'. Billi izda l-Avukat Generali bhala ufficjal li wkoll ghandu responsabilita' li jara li l-ligi tithares ghamel sew, la darba kellu s-suspett mhux frivolu, li jressaq din il-kwistjoni quddiem il-Qorti u ma jkunx xieraq li jehel l-ispejjez kollha hu. Il-Qorti ghalhekk cahdet din l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat u ordnat li r-rikors ikompli jinstemgha u kull parti thallas l-ispejjez ta' dak l-incident.

**Risposta ulterjuri ta' l-Avukat Generali**

L-Avukat Generali irrisponda ulterjorment ghar-rikors promotur kif gej:-

> "Illi t-talbiet tar-rikorrent huma sostanzjalment bazati fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja mentri l-allegata vjolazzjoni ta' dritt fondamentali grat madwar sitta u ghoxrin sena ilu meta r-rikorrent, kif jallega, gie imcahhad id-dritt illi jichad il-paternita' ta' tarbija imwielda lil martu.
>
> L-Att XIV ta' l-1987 japplika, espressament, biss mit-30 ta' April 1987 'il quddiem (Art 7 tal-Kap 319) u ghalhekk l-azzjoni hija fi kwalunkwe kaz improponibbli 'rationae temporis'.
>
> Illi kwantu l-attur jallega illi huwa ghandu dritt fondamentali li jichad il-paternita ta' bintu f'kull zmien u bil-mezzi kollha li jistghu jkunu ghad-disposizzjoni tieghu minn zmien ghal zmien l-azzjoni hija ukoll nfondata ghar-ragunijiet gia elenkati fil-paragrafu 3 tar-risposta ta' l-esponent ta' l-4 ta' Novembru 1996.
>
> Illi kwantu bazata fuq l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni l-azzjoni hija wkoll improponibbli kemm in vista ta' l-Artikolu 46 kif ukoll in vista tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 47 (7) tal-Kostituzzjoni li jezenta kull haga maghmula qabel it-30 ta' Gunju 1993 in forza tal-Kodici Civili (inkluz fl-Ewwel Skeda ghall-Kostituzzjoni) mill-operat ta' l-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni."

**<u>L-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni</u>**

F'nota ta' osservazzjonijiet prezentata quddiem l-Ewwel Qorti, mir-rikorrent ddikjara li ma kienx sejjer jistrieh fuq l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u, minghajr ma rrinunzja ghad-drittijiet tieghu, ezenta lill-Ewwel Qorti milli tapplikah. Hu nfatti llimita s-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxi r-rispett tal-hajja privata u familjari.

**<u>Decide</u>**

B'sentenza tat-30 ta' Mejju, 1997 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza b'dan il-mod:-

> "<u>Konkluzjoni</u>
>
> Il-Qorti ghalhekk taqta' din il-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat, tilqa' t-talba tar-rikorrent billi tghid li safejn il-ligi, bl-art. 70 u 73 tal-Kodici Civili qatt ma halliet lir-rikorrent juri, bi provi xjentifici u genetici, li t-tifla li welldet dik li kienet martu matul iz-zwieg mieghu ma hijiex tassew bintu, qieghed jinkiser id-dritt fondamentali tieghu ghall-harsien tal-hajja privata u tal-familja tieghu mhares taht l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, maghmul parti mil-ligi ta' Malta fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Tordna li, hekk kif din is-sentenza tkun ghaddiet f'gudikat, ir-registratur ta' dawn il-Qrati ghandu jibghat kopja tas-sentenza lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati kif irid l-art. 242 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.
>
> L-ispejjez gudizzjarji, hlief dawk ga' decizi bis-sentenza in parte moghtija fis-6 ta' Dicembru 1996, ihallashom l-intimat."

## Motivazzjoni tas-sentenza appellata

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"**Dwar l-art 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Kif sewwa osserva l-intimat, l-art. 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaghti lil din il-qorti, fil-gurisdizzjoni originali taghha, s-setgha li taghti rimedju lil "kull persuna li tallega li xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha". Dan ma jfissirx li l-art. 32, li fuqu wkoll qieghed jistrih ir-rikorrent, nistghu ma nqisuhx, bhallikieku ma hux parti mil-ligi taghna; dan l-artikolu stess ighid li l-artikoli li jigu warajh huma mahsuba "sabiex jaghtu protezzjoni ghad-drittijiet u libertajiet imsemmija qabel", fosthom "ir-rispett ghall-hajja privata u familjari" ta' kull persuna f'Malta.

Madankollu, ma hux mehtieg li nidhlu fil-kwistjoni jekk dan l-artikolu jaghtix drittijiet li ghalihom jinghata rimedju gudizzjarju jew ghandux iservi biss bhala gwida ghall-interpretazzjoni, ghax ir-rikorrent qieghed jistrih ukoll fuq l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jaghti rimedji aktar specifici ghas-sitwazzjoni li l-qorti hija mitluba li tqis f'dawn il-proceduri. Ir-rikorrent stess, fil-para. 3.1 tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu tal-21 ta' Frar 1997, qabel li din il-qorti ma ghandhiex ghalfejn tqis it-talbiet tieghu taht l-art. 32 tal-kostituzzjoni.

Ghalhekk lanqas ma hemm ghalfejn inqisu aktar ir-raba' u s-seba' eccezzjonijiet ta' l-intimat.

**L-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem saret parti mil-ligi taghna bis-sahha ta' l-art. 3(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. L-art. 8 tal-konvenzjoni, li fuqu qieghed jistrieh ir-rikorrent, ighid hekk:

ARTIKOLU 8

(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.

(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorità pubblika dwar l-esercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li

> jkun mehtieg f'socjetà demokratika fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.

Dan l-artikolu jhares erba' drittijiet, li huma d-dritt ghar-rispett ta':—

- il-hajja privata;
- il-hajja tal-familja;
- id-dar; u
- il-korrispondenza.

**<u>Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet</u>**

F'din il-kawza r-rikorrent qed jitlob il-harsien ta' l-ewwel tnejn: id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tieghu. Qieghed ighid li dawn id-drittijiet jaghtuh ukoll id-dritt "li r-relazzjoni familjari tkun regolata mic-certezza bjologika u mhux minn prezunzjoni legali li tikkonfliggi mar-rejaltà tal-fatti". Qed ighid li r-rabta ta' filjazzjoni ma ghandhiex torbtu ma' persuna minhabba finzjoni legali ta' paternità meta jista' juri li rabta ta' demm ma hemmx bejnu u dik il-persuna.

L-intimat ghall-ewwel ma deherx li kien qieghed jichad li hemm sitwazzjoni li hija relevanti fil-kuntest tad-dritt invokat mir-rikorrent, *i.e.* li r-relazzjonijiet li jitnisslu mir-rabta tal-filjazzjoni jolqtu l-hajja privata u tal-familja tieghu; qal, minflok, li l-"indhil" ta' l-awtorità pubblika li ma jhallix lir-rikorrent jichad lit-tifla li twieldet miz-zwieg tieghu huwa mehtieg f'socjetà demokratika. Dan kollu johrog mit-tielet eccezzjoni ta' l-intimat fejn dan ighid illi "r-restrizzjonijiet fuq l-azzjoni tad-denegata paternità li hemm fil-ligi Maltija huma necessarji f'socjetà demokratika biex jizguraw ic-certezza tad-dritt u biex jipprotegu l-interessi tat-tfal u ghalhekk huma koperti bid-derogi stipulati fit-tieni paragrafu ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea".

Aktar 'il quddiem, izda, meta ipprezenta nota bl-osservazzjonijiet tieghu, qal illi, kif jidher ukoll mid-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, "ir-relazzjoni ta' bejn mara mizzewga ta' 26 sena u l-genituri taghha ma tammontax ghal relazzjoni ta' hajja familjari (*family life*)", u illi "r-relazzjoni ta' iben adult ma' missieru wkoll ma tinkwadrax ruhha fil-kuncett ta' *family life*".

Huwa minnu li meta bniedem jikber u jsir aktar indipendenti r-rabtiet bejnu u l-genituri tieghu jonqsu. Madanakollu, il-konsegwenzi legali tar-rabtiet bejn membri ta' familja jibqghu.

Bizzejjed insemmu l-obbligu tal-manteniment *pietatis causa* – "l-obbligu tal-manteniment minhabba l-qrubija mid-demm"[1] u l-*legitima portio* fil-wirt. Barra minn hekk, l-*istatus* ta' missier huwa intimament marbut mal-hajja privata, u li persuna titlibbes dan l-*istatus* mil-ligi huwa indhil fil-hajja privata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, fil-fehma ta' din il-qorti, ma jistax jinghad illi r-rabtiet ta' filjazzjoni, li jghidu min huma l-ulied ta' persuna, ma jolqtux b'mod mill-aktar intimu il-hajja privata u tal-familja ta' dik il-persuna. Il-ligijiet li jghidu kif jinholqu u jinhallu dawn ir-rabtiet, ghalhekk, jistghu jkunu qeghdin jindahlu fil-hajja privata u tal-familja ta' kull min jintlaqat bihom.

Ghalhekk, qabel xejn irridu naraw x'inhu dan l-indhil sabiex wara naraw jekk dan l-indhil hux wiehed mehtieg ghal xi wiehed mir-ragunijiet imsemmija fl-art. 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**Il-ligi dwar ic-cahda tal-paternità**

Billi t-tifla li twieldet fiz-zwieg tar-rikorrent twieldet qabel ma bdew isehhu l-emendi li saru fil-Kodici Civili bl-Att XXI ta' l-1993, jehtieg li naraw mhux biss kif inhi l-ligi llum izda wkoll kif kienet qabel l-1993.

Ir-rikorrent qieghed ighid illi l-prova li jista' jressaq li t-tifla ma hix tieghu hija prova xjentifika u genetika. Ghalhekk din il-prova seta', kieku, iressaqha, flimkien mal-prova ta' l-adulterju ta' martu, taht il-para. (d) ta' l-art. 70(1) tal-Kodici Civili kif emendat bl-Att XXI ta' l-1993. Din il-prova, izda, ma jistax iressaqha f'kull zmien, izda biss fiz-zmien li jaghtih l-art. 73 tal-kodici:

**73**.Fil-kazijiet illi r-ragel jista' jaghmel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:
(a) fi zmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f'dak iz-zmien kien jinsab f'Malta;
(b) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jigi lura Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;
(c) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.

Dan iz-zmien ilu li ghalaq, u ghalhekk illum ir-rikorrent ma jistax iressaq l-azzjoni biex jichad li hu missier it-tifla.

Fiz-zmien meta twieldet it-tifla, l-art. 73 kien l-istess bhal ma hu llum hlief illi z-zmien kien ta' tliet xhur flok sitta f'kull wiehed mit-tliet

[1] Art. 16 tal-Kodici Civili

kazijiet. Izda kif kienet il-ligi dak iz-zmien ir-rikorrent ma setax iressaq prova xjentifika u genetika hlief, b'zjieda mal-prova ta' l-adulterju ta' l-omm, "meta jkun gie lilu mohbi t-twelid". It-twelid, izda, ma kienx gie mohbi lir-rikorrent[2].

Mela, meta r-rikorrent kien ghadu fiz-zmien li jiftah il-kawza, il-prova li seta' jressaq ma kinitx tiswa meta t-twelid ma kienx mohbi lilu; illum li l-ligi nbidlet u l-prova tiswa minghajr il-htiega tal-habi tat-twelid, ghalaq iz-zmien biex ir-rikorrent jista' jiftah il-kawza. Il-ligi qatt ma halliet lir-rikorrent iressaq il-prova genetika u xjentifika sabiex "ir-relazzjoni familjari tkun regolata mic-certezza bjologika u mhux minn presunzjoni legali"[3]; dan huwa l-indhil li minnu qieghed jilmenta r-rikorrent, u li rridu naraw jekk hux indhil gustifikat minhabba fil-htigijiet ta' socjetà demokratika.

## L-eccezzjonijiet preliminari

Izda qabel ma naraw jekk dan l-indhil hux tassew mehtieg kif irid l-art. 8(2) tal-konvenzjoni (il-meritu tat-tielet eccezzjoni) irridu nqisu tliet kwistjonijiet preliminari. Tnejn johorgu mit-tieni eccezzjoni: jekk ir-rikorrent ghandux interess jaghmel it-talbiet li qieghed jaghmel, u jekk hux mehtieg li dik li kienet mart ir-rikorrent u t-tifla li twieldet waqt iz-zwieg ikunu parti f'dawn il-proceduri; u l-ohra hija l-meritu tal-hames eccezzjoni (l-ewwel eccezzjoni ulterjuri): illi *ratione temporis* din il-qorti ma tistax tqis il-ksur allegat tad-dritt tar-rikorrent.

## Dwar l-interess guridiku tar-rikorrent

Kif sewwa qal l-intimat, l-allegazzjoni tar-rikorrent li t-tifla li twieldet fiz-zwieg tieghu ma hix bintu hija biss allegazzjoni li ma gietx provata. Il-kwistjoni izda hija jekk din l-allegazzjoni jehtiegx li tkun provata qabel ma jistghu jinstemghu t-talbiet tar-rikorrent.

Din ma hix kawza ta' cahda ta' paternità; hija kawza b'talba sabiex ir-rikorrent ikun jista' jiftah kawza ta' cahda ta' paternità. Il-meritu tal-kawza tallum ma hux jekk ir-rikorrent huwiex missier it-tifla li twieldet fiz-zwieg tieghu, izda jekk ghandux id-dritt fondamentali li jiftah kawza ghal cahda ta' paternità. Jekk nghidu li qabel ma nqisu l-meritu tallum — li hu jekk il-ligi li zzomm lir-rikorrent milli jressaq kawza biex jichad il-paternità tiksirx id-dritt fondamentali tieghu — ir-rikorrent irid ikun gà cahad il-paternità, u ghalhekk irid ikun gà fetah il-kawza u rebahha, inkunu qeghdin nidhlu f'cirku li

---

2. Ara x-xiehda moghtija mir-rikorreent fis-seduta ta' l-1 ta' Novembru 1996, fol.8.

3 Para.6 tar-rikors, fol.1.

ma nohorgux minnu: ir-rikorrent irid juri li ma hux missier it-tifla; qabel ma jaghmel hekk irid juri li ghandu d-dritt fondamentali li jfittex li jaghmel hekk; qabel ma juri li ghandu dan id-dritt irid juri li ma hux il-missier. Ovvjamet, din ma hix logika tajba, u l-eccezzjoni ta' l-intimat, li hi mibnija fuq din il-logika, ma tistax tintlaqa'.

L-interess tar-rikorrent huwa mibni fuq il-fatt li miz-zwieg tieghu twieldet tifla li jghid li ma hix tieghu, u ghalhekk jixtieq jichad li huwa l-missier. Qieghed ighid li l-ligi ma thallihx jaghmel hekk, u hekk qieghda tindahal fil-hajja privata u tal-familja tieghu. Ghalhekk ghandu interess li jitlob li l-qorti tghid li, meta ma thallihx iressaq l-azzjoni ta' cahda tal-paternità, il-ligi qieghda tikser id-dritt tieghu mhares taht l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess, mibnija fuq il-fatt li r-rikorrent ghadu ma weriex li t-tifla ma hix tieghu, ma tistax tintlaqa'.

**<u>Dwar jekk ghandhomx jissejhu fil-kawza persuni ohra</u>**

L-intimat qed ighid li ghandhom ikunu parti f'din il-kawza dik li kienet mart ir-rikorrent u t-tifla li twieldet fiz-zwieg tar-rikorrent. Dan qed ighidu ghax, ladarba huwa tal-fehma li f'din il-kawza ghandna naraw jekk dik li tidher li hija bint ir-rikorrent hix tassew bintu, dan ma jistax isir bla ma tkun parti fil-kawza dik il-persuna wkoll, ghax inkella il-qorti tkun qieghda taqta' dwar l-i*status* taghha bla ma taghtiha smigh xieraq.

Gà rajna, izda, li din il-kawza ma hix dwar stat civili; hija dwar jekk il-ligi li ma thallix lir-rikorrent jiftah kawza dwar stat civili tiksirlux id-drittijiet fondamentali tieghu. Jekk tassew inkiser dan id-dritt tar-rikorrent, min kisru huwa l-istat li ghamel il-ligi, u jkun l-istat li jkollu jwiegeb ghal dan il-ksur. Dik li kienet mart ir-rikorrent u dik li tidher li hi bintu ma kellhom ebda sehem fil-process legislativ, u ma jistghux ikunu msejha biex iwiegbu ghal dan il-ksur. Ghalhekk ma hux mehtieg li jkunu parti f'din il-kawza, u l-assenza taghhom ma ggib ebda nuqqas fl-integrità tal-gudizzju.

**<u>Dwar l-inkompetenza *ratione temporis*</u>**

L-eccezzjoni ta' inkompetenza *ratione temporis* hija mibnija fuq l-art. 7 tal-Kap. 319, li jghid li "ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fondamentali mwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni" taht dik il-ligi.

Ir-rikorrent ressaq zewg ragunijiet ghala din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa', raguni "fattwali" u raguni "guridika". L-ewwel raguni, dik "fattwali", hija mfissra hekk fil-para. 2.3 tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu:

Fattwalment, ghaliex l-esponent qieghed jimpunja l-emendi ghall-Kodici Civili maghmulin fl-1993 — zmien wara li l-Konvenzjoni Ewropeja saret ligi domestika.

Din il-qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Ir-rikorrent ma hux qed ifittex li jimpunja l-emendi ta' l-1993 fejn dawn ziedu mar-ragunijiet fejn ir-ragel ta' l-omm jista' jichad lit-tarbija; lanqas ma hu qieghed jilmenta mill-fatt li, wara l-1993, ma setax juri li t-tifla ma hix tieghu: qieghed jilmenta mill-fatt li dan ma seta' jaghmlu qatt. Dwar il-ligi kif hi llum, ir-rikorrent ghalhekk qieghed jilmenta biss mill-fatt li l-art. 73 tal-Kodici Civili jaghti biss zmien ta' sitt xhur — zmien li ghar-rikorrent, issa, ma jiswa xejn — flok zmien aktar. Izda l-emendi ta' l-1993 kull ma ghamlu fl-art. 73 kien li z-zmien ziduh minn tliet xhur ghal sitta. Jekk nilqghu dan l-argument imsejjah "fattwali" tar-rikorrent ikolna nghidu, paradossalment, illi li kieku t-terminu baqa' ta' tliet xhur ir-rikorrent ma jkunx jista' issa jilmenta minn din ir-restrizzjoni, minhabba l-inkompetenza *ratione temporis*, waqt li jista' jilmenta ghax it-terminu sar wiehed aktar favorevoli ghar-ragel ta' l-omm!

Il-verità hi li, ghall-ilmenti tar-rikorrent, l-emendi ta' l-1993 huma, effettivament, irrelevanti; minghajrhom il-pozizzjoni tieghu ma kinitx tkun ahjar. Anzi, kienet tkun aghar ghax, ukoll jekk l-azzjoni ta' cahda ma kinitx taqa' b'dekadenza, xorta ma kienx ikun jista' jressaq il-provi xjentifici u genetici. Ghalhekk l-argument "fattwali" ma hux bizzejjed biex l-eccezzjoni ta' inkompetenza *ratione temporis* tkun michuda.

Ir-rikorrent, izda, ressaq argument iehor, dak li hu sejjahlu "guridiku". Dan l-argument huwa li, ladarba hu qieghed ifittex li jimpunja ligi u mhux att amministrativ ta' darba, il-vjolazzjoni tad-dritt hija wahda li tkompli fiz-zmien u ghalhekk f'kull waqt tkun qieghda ssir vjolazzjoni.

Ma' dan l-argument il-qorti taqbel. L-art. 7 tal-Kap. 319 ma jhallix lill-qorti tisma' dwar ksur "imwettaq qabel it-30 ta' April 1987". Izda l-ksur li minnu qieghed jilmenta r-rikorrent ma twettaqx meta saret il-ligi; jekk tassew hemm ksur — u jekk hemmx jew le dan il-ksur naraw aktar 'il quddiem — dan ghadu jitwettaq sallum, meta r-rikorrent ghadu ma jistax juri x'inhi dik li hu jsejhilha l-verità bjologika. Kif qalet din il-qorti f'sentenza moghtija fis-17 ta' Jannar

1997 *in re* Mario Buttigieg *proprio et nomine versus* L-Avukat Generali *et*, "l-inkompatibbiltà ta' ligi mal-konvenzjoni ghijah '*a constant and even perpetual state of affairs*' u mhux att istantanju bhal dak kontemplat fl-art. 7 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta".

L-eccezzjoni ta' inkompetenza *ratione temporis*, ghalhekk, ukoll hija michuda.

**<u>Dwar jekk l-"indhil" hux mehtieg kif irid l-art. 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

Nghaddu issa biex inqisu dak li huwa l-meritu tassew ta' din il-kawza: jekk l-indhil tal-ligi li ma thallix lir-ragel ta' l-omm jichad il-wild ta' martu hlief f'kazijiet limitati, u fi zmien limitat, huwiex indhil gustifikat taht il-para. (2) ta' l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Izda qabel ma tqis dan il-meritu, lill-qorti jidhrilha li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar il-mod kif ghandhom ikunu trattati l-kwistjonijiet quddiemha, b'referenza partikolari ghal dak li qal ir-rikorrent fil-para. 3.16 tan-nota tieghu.

Il-qorti tistenna li l-argumenti u l-opinjonijiet li jingiebu quddiemha jkunu trattati fuq il-meritu proprju taghhom, u mhux fuq il-meritu ta' min jaqbel jew ma jaqbilx maghhom. Li tghid li opinjoni hija hazina ghax hija opinjoni li jaqbel maghha Tizju huwa *non sequitur*. Il-qorti ma tistax tippermetti li l-atti taghha jintuzaw biex, taht it-tarka ta' l-immunità ta' l-atti gudizzjarji, ikunu attakkati, b'mod ghal kollox irrelevanti ghall-meritu tal-kawza, persuni li lanqas huma parti fil-kawza. Jekk lir-rikorrent jidhirlu li ghandu jxandar il-fehma tieghu dwar il-persuna msemmija fil-paragrafu 3.16 tan-nota tieghu, dan ghandu jaghmlu b'mezzi ohra u mhux jabbuza, kif ghamel, mill-atti gudizzjarji.

Il-para. 3.16 tan-nota tar-rikorrent ma jixraqlux li jibqa' jifforma parti mill-atti tal-qorti, u l-qorti ghalhekk qieghda tordna li jithassar mill-inkartament.

Maghluqa din il-parentesi, immorru lura ghall-meritu tal-kawza.

Kif gà rajna, il-ligi kif inhi llum, wara l-1993, thalli lir-ragel ta' l-omm iressaq, flimkien mal-prova ta' l-adulterju ta' martu, prova xjentifika u genetika biex juri li l-wild ma hux tieghu. Izda din il-prova jrid iressaqha f'kawza li jrid jiftahha sa mhux aktar tard miz-zmien li taghti l-ligi, u mhux kull meta jidhirlu. Dan iz-zmien, ghar-rikorrent, ilu li ghadda u, meta kien ghadu ma ghaddilux iz-zmien, xorta ma

kienx seta' jressaq dik il-prova ghax kien mehtieg ukoll li t-twelid ikun mohbi minnu.

Ir-rikorrent ighid li "kulhadd (anke terz) ghandu azzjoni ta' denegata paternità bla limitu ta' zmien" hlief ir-ragel ta' l-omm[4]. Izda f'dawn il-proceduri qeghdin inqisu d-dritt tar-rikorrent ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tieghu, mhux ghal harsien minn diskriminazzjoni.

Il-kwistjoni tallum lanqas ma hi jekk huwiex indhil gustifikat fil-hajja privata u tal-familja ta' ragel mizzewweg li taghtih biss zmien limitat biex jichad il-wild ta' martu. Fil-fehma tal-qorti, ghall-ghanijiet tal-kaz tallum ma hux mehtieg li nqisu din il-kwistjoni, ghar-raguni li, ukoll jekk insibu li huwa mehtieg biex jithares xi wiehed mill-interessi pubblici msemmija fl-art. 8(2) tal-konvenzjoni li d-dritt tar-ragel ta' l-omm li jichad il-wild ta' martu jkun limitat biz-zmien, xorta jibqa' l-fatt li lir-rikorrent lanqas dan iz-zmien limitat ma nghata.

Ghal din ir-raguni, is-sitt eccezzjoni ta' l-Avukat Generali (it-tieni eccezzjoni ulterjuri), li tghid li ma hemmx dritt fondamentali tar-rikorrent "li jichad il-paternità ta' bintu f'kull zmien" ma hix relevanti ghall-kawza tallum. Ukoll jekk ma ghandux dan id-dritt perpetwu, dan il-fatt ma jkunx twegiba tajba u bizzejjed ghall-ilment tieghu li qatt ma kellu dan id-dritt, lanqas ghal zmien limitat.

Din l-eccezzjoni, ghalhekk, hija michuda.

Dan inevitabbilment iwassal ghall-konkluzjoni li s-sitwazzjoni tar-rikorrent hija wahda li tintlaqat mill-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza moghtija fis-27 ta' Ottubru 1994 fil-kaz ta' Kroon *et versus* L-Olanda[5]:

*In the court's opinion, "respect" for "family life" requires that biological and social reality prevail over a legal presumption ... .... ...*

Il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi hemm ksur tad-dritt tar-rikorrent imhares taht l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan il-ksur jikkonsisti fil-fatt illi l-ligi ma hallietu qatt iressaq prova xjentifika u genetika biex juri li t-tifla li welldet martu ma kinitx bintu.

Il-qorti ma hix qieghda tghid li l-artt. 70 u 73 tal-Kodici Civili ma humiex kompatibbli mal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-

4 Para.3.12 tan-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent.

5 29/1993/424/803, para. 40.

Bniedem; qieghda tghid biss illi, fic-cirkostanzi partikolari tar-rikorrent, li l-ligi qatt ma hallietu juri b'mezzi xjentifici u genetici li bint martu ma hijiex bintu, hemm ksur tad-dritt fondamentali tieghu ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tieghu.

Ladarba sibna li hemm dan il-ksur, li huwa bizzejjed biex lir-rikorrent jinghata rimedju, ma hux mehtieg li naraw jekk hemmx ukoll ksur tad-drittijiet l-ohra invokati mir-rikorrent fil-para. 4 tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, wara li l-kawza kienet gà thalliet ghas-sentenza.

## Ir-rimedju mitlub mir-rikorrent

Ir-rikorrent qed jitlob illi l-qorti taghtih ir-rimedji li jidhrulha xierqa, fosthom li tghid illi hu "ghandu d-dritt jipprocedi quddiem il-qorti kompetenti bl-azzjoni tad-diskonoxximent tal-paternità, *nonostante* kull limitazzjoni kontenuta fl-art. 70 tal-Kodici Civili".

Il-limitazzjoni, kif rajna, illum ma hix qieghda fl-art. 70 tal-Kodici Civili, li jaghti lir-rikorrent id-dritt li jressaq provi xjentifici jew genetici jekk ikun wera l-adulterju ta' martu, izda fl-art. 73 li ma fihx dispozizzjonijiet transitorji biex jahseb ghal kazijiet, bhal tar-rikorrent, fejn qatt ma kien hemm okkazjoni ghar-ragel ta' l-omm biex iressaq dawn il-provi fi proceduri gudizzjarji. Huwa ghalhekk li l-qorti qalet li l-ksur tad-dritt tar-rikorrent jikkonsisti biss fil-fatt illi l-ligi ma hallietu qatt iressaq prova xjentifika u genetika biex juri li t-tifla li welldet martu ma kinitx bintu.

Wara li ghamilna din il-precizazzjoni, tista' l-qorti tghid li r-rikorrent, minkejja kull limitazzjoni fil-ligi, jista' llum jiftah kawza fejn iressaq provi xjentifici jew genetici biex juri li bint martu ma hix bintu?

Jekk jaghmel dik il-kawza, ir-rikorrent ikollu jiftahha kontra dik li kienet martu u kontra t-tifla ta' martu[6]. Dawn ma humiex parti fil-kawza tallum u, kif rajna, ma setghux ikunu ghax bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li kienu huma li kisru d-dritt fondamentali tar-rikorrent.

L-art. 237 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid hekk:

**237**. Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza.

---

6 Art. 75 tal-Kodici Civili

Dan ifisser li, ukoll jekk il-qorti tghid dak li talabha tghid ir-rikorrent, *i.e.* li jista' jiftah il-kawza biex jichad il-paternità minkejja dak li tghid il-ligi, xorta l-konvenuti f'dik il-kawza jistghu jressqu eccezzjoni taht l-art. 73 tal-Kodici Civili ghax kull dikjarazzjoni li taghti l-qorti llum ma torbotx lilhom. Ghalhekk ghalxejn tinghata din id-dikjarazzjoni.

Dan il-problema ma kienx iqum li kieku r-rikorrent inqeda bil-procedura taht l-art. 4(3) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319) flok mexxa b'azzjoni *ad hoc* taht l-art. 4(1) ta' l-istess Att.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ir-rimedju li tista' taghti din il-qorti huwa li tghid li hemm ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent u tordna, kif irid l-art. 242 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li r-registratur ta' dawn il-qrati jibghat kopja tas-sentenza lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati."

**<u>Appelli</u>**

Minn din is-sentenza appella l-Avukat Generali. Sa appell ukoll tat-terz minn Sharon Borg li c-certifikat tat-twelid taghha minnha esebit juriha bhala bint ir-rikorrent u bint Mary Rose nee' Attard gia mizzewga lilu. Iz-zewg appellanti appellaw fil-mertu u talbu r-revoka tas-sentenza finali tat-30 ta' Mejju, 1997. L-Avukat Generali talab ukoll li din il-Qorti tirrevoka diversi digrieti tal-Prim'Awla li inghataw fil-kors tat-trattazzjoni quddiemha. Din il-Qorti jidhrilha li hu utili li tinvesti l-mertu proprju tal-vertenza u tiddecidieh. Tikkonsidra imbaghad l-appelli ta' l-Avukat Generali mill-provvedimenti ohra tal-Prim'Istanza biss jekk ikun il-kaz.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-Avukat Generali appella minn din is-sentenza. L-appell tieghu kien kemm mis-sentenza in parte tas-6 ta' Dicembru, 1996 illi naqset li ticcensura "*forum shopping"* allegat minnu li kien jikkostitwixxi, fil-fehma tieghu, abbuz tal-procedura gudizzjarja, kemm mid-digriet tat-28 ta' Jannar, 1997 li accetta sottomissjoni verbalizzata mill-kontro parti fis-sens illi l-prezenti istanza kienet "kawza ta' impunjazzjoni ta' ligi" u ghalhekk qieset li l-provi konkreti ta' dak allegat ma kienux rilevanti, kif ukoll mis-sentenza finali tat-30 ta' Mejju, 1997.

Din il-Qorti, ghax hekk jidhrilha li kien aktar konvenjenti biex tiddisponi mill-appell, kienet sejra titratta l-ewwel il-mertu kif epurat u deciz fis-sentenza finali u tirrizerva illi taccenna ghall-kwistjonijiet marginali, anke jekk rilevanti, decizi ulterjorment. Ser tqis ukoll bhala l-bazi ta' l-azzjoni dikjarazzjoni tar-rikorrent appellat illi l-prezenti istanza kienet wahda ta' "impunjazzjoni ta' ligi".

Il-fatti bazici rilevanti f'dan ir-rigward huma:-

(a) Li r-rikorrent qed jallega li minn ezami xjentifiku (DNA testing) irrizulta li tarbija li twieldet fl-<u>4 ta' Lulju, 1967</u> waqt li kien mizzewweg lil ommha ma kenitx bintu.

(b) Mill-provi rrizulta li l-ezami xjentifiku kien sar xi sena u nofs qabel ma bdew dawn il-proceduri (ir-rikors gie prezentat fl-1 ta' Novembru 1996). Ir-rikorrent jinsisti illi l-ezami xjentifiku sar bl-approvazzjoni u anzi bil-kooperazzjoni shiha ta' l-istess bintu.

(c) Ir-rikorrent jargumenta illi d-dritt fondamentali ghar-rispett tal-hajja privata jinkludi wkoll id-dritt illi r-relazzjoni familjari tkun regolata bic-certezza biologika u mhux bil-presunzjoni legali li tikkonfliggi mar-rejalta tal-fatti. Jilmenta li skond l-artikolu 70 tal-Kodici Civili seta' jirripudja l-paternita' tat-tarbija biss fuq l-impossibilita' fizika tal-ko-abitazzjoni jew separazzjoni legali u illi anke bl-emendi ntrodotti fl-1993 ghall-artikolu 70 tal-Kodici Civili, ma setghax jimpunja l-paternita'. Ghalkemm dan ma giex espressament dikjarat mir-rikorrent, din il-Qorti ma tistax ma tifhimx illi hu kien qieghed jirripudja din id-disposizzjoni bhala leziva tad-drittijiet fondamentali tieghu kif vantati f'din l-istanza u ta' kull min jinstab fl-istess sitwazzjoni tieghu. Dan ghaliex kawza ghall-impunjazzjoni ta' ligi jekk tentata b'success kienet necessarjament effettiva *erga omnes*.

L-artikolu 70 tal-Kodici Civili kif kien fiz-zmien rilevanti u cioe' qabel l-emendi tal-1993 kien jaqra hekk:-

> "*Ir-ragel jista' jichad li jaghraf lit-tifel imnissel matul iz-zwieg jekk jipprova illi fiz-zmien bejn it-300 gurnata u l-180 gurnata qabel it-twelid tat-tifel hu kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien tbieghed minnha jew minhabba xi accident iehor jew jekk fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien mifrud legalment minn martu; izda hu ma jistax jichad li jgharaf lit-tifel jekk f'dak iz-zmien huwa u l-mara kienu regghu inghaqdu flimkien imqar ghal xi zmien.*"

Rilevanti wkoll ghall-fini ta' din il-kawza huwa s-subinciz (1) ta' l-artikolu 72 li donnu gie skartat fit-trattazzjoni. Dan jipprovdi illi:-

> "*Ir-ragel ma jistax jichad li jgharaf lit-tifel bhala ibnu minhabba adulterju* (u dan hu kjarament il-kaz avanzat mir-rikorrent f'din l-istanza) *hlief meta jkun gie lilu mohbi t-twelid tieghu f'liema kaz huwa jista' jipprova ukoll fil-kawza li biha jkun irid jichad li jgharaf lit-tifel, sew il-fatti ta' adulterju u tal-habi, kif ukoll il-fatti l-ohra kollha li bihom jista' juri li hu mhux missier it-tifel.*"

Is-subinciz (2) ta' dak l-artikolu mbaghad jghid li l-istqarrija wahedha ta' l-omm mhux bizzejjed biex zewgha ma jitqiesx bhala missier it-tifel. Fl-artikolu 73 il-ligi kienet allura timponi t-terminu ta' tlett xhur biex ir-ragel jipproponi l-kawza ghad-denegata paternita' li jibda jiddekorri skond il-kaz.

Qabel l-emendi tal-1993 allura, l-artikolu 73 tal-Kodici Civili kien jipprovdi li l-adulterju wahdu ma kienx bizzejjed sabiex tirnexxi kawza ta' denegata paternita'. Kellu ukoll jigi lilu "mohbi t-twelid". F'dawk ic-cirkostanzi seta' jipprova "ukoll il-fatti l-ohra kollha li bihom jista' juri li hu mhux missier it-tifel". Dan ifisser illi, anke kif kienet il-ligi qabel l-1993, mhux korrett li jinghad illi l-prova xjentifika ma setghetx tigi prodotta biex

jistabilixxi illi wiehed ma kienx il-missier tat-tifel. Dik il-prova wahedha ma kenitx pero' bizzejjed sabiex tirnexxi kawza ta' denegata paternita'. Kellu jkun hemm ukoll il-prova mhux biss ta' adulterju imma wkoll tal-fatt illi kien gie mohbi lir-ragel it-twelid. Ir-*ratio legis* tradizzjonalment accettat bhala gustifikazzjoni ghal dawn il-limitazzjonijiet serji fuq id-dritt tar-ragel li jipprocedi bl-azzjoni ta' denegata paternita', ghad-differenza tad-dritt ferm aktar wiesa' moghti lil ohrajn fosthom li l-missier naturali u lill-istess tifel – hi llustrata bis-segwenti gurisprudenza.

"Il-presunzjoni 'pater id est quem iuxte nuptiae demonstrat' hija ammessa sakemm ma jsirux provi kontra taghha. Imma l-fakolta' tar-ragel li jikkombatti dik il-presunzjoni hija koncessa biss fil-kazijiet imsemmijin mil-ligi u cioe' meta r-ragel fiz-zmien preskritt mil-ligi kien separat minn martu u kien fl-impossibilita' fizika li jiltaqa' maghha u dak ta' l-adulterju tal-mara akkumpanjat mic-celament tat-tarbija. F'din l-ahhar imsemmija ipotesi, l-adulterju tal-mara u c-celament tat-twelid tat-tarbija hemm bzonn li jirrikorru flimkien u meta hekk jikkonkorru allura r-ragel jista' jipprova wkoll il-fattijiet l-ohra kollha li bihom jista' juri li huwa mhux missier it-tarbija." (Vol XXXV.ii.491) Inkluzi ma' dawn il-fattijiet allura jistghu wkoll ikunu provi xjentifici li huma accessibbli fil-mument meta ssir l-azzjoni.

"Illi din hija bla ebda dubbju l-azzjoni ta' denegata paternita'. Azzjoni mportanti u delikata, dixxiplinata b'disposizzjonijiet x'aktarx rigidi tal-Kodici Civili 'ad favorem' l-istat ta' legittimita' bazati fuq is-sistema wkoll rigidu adottat fl-artikolu 312 tal-Kodici Civili Franciz." (Girolamu Busuttil nomine vs Direttur tar-Registru Pubbliku per Imhallef M. Caruana Curran deciza fit-28 ta' Frar, 1977)

Ir-*ratio legis* baqa' l-istess anke meta l-legislatur ghazel li jemenda l-artikoli taht ezami fl-1993 meta allura diga' kienet prospettata l-posibbilita' ta' testijiet xjentifici tad-D.N.A. pjuttost konkluzivi biex jistabilixxu jew jeskludu l-paternita'. Id-differenza sostanzjali bejn kif kienet il-ligi fl-1967, meta sehh it-twelid tat-tarbija li l-paternita' taghha hi denegata mir-rikorrent, u meta saru l-emendi ta' l-1993 kienet illi t-twelid ma kellux ghalfejn ikun mohbi. L-adulterju jew il-habi u xi fatt iehor fosthom per ezempju testijiet u provi genetici u xjentifici kienu bizzejjed. Is-subinciz (d) ta' l-artikolu 70 infatti, li gie bl-emenda ristrutturat biex jinkludu wkoll parti mill-artikolu 72, jaghti lir-ragel il-jedd li jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg inter alia "(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju <u>jew</u> kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita'".

Anke minn hawn pero' hu ovvju illi l-provi xjentifici wahedhom anke jekk konkluzivi ma setghux ikunu determinanti biex l-azzjoni ta' denegata paternita' tkun tentata b'success. Kellhom ikunu akkumpanjati jew mal-prova ta' adulterju jew mal-prova tal-habi tat-tqala u t-twelid tat-tarbija. Anke hawn pero' mhux korrett li jinghad illi l-ligi kienet teskludi l-provi xjentifici. Kienet ghall-kuntrarju taccettahom bhala prova pero' biex jikkoroboraw elementi ohra kostituttivi ta' l-azzjoni ta' denegata paternita'. Rilevanti s-subinciz (3) ta' l-artikolu 70, introdott ukoll bl-emendi tal-1993, li jipprovdi li l-Qorti setghet f'kawza ghac-cahda ta' l-gharfien tat-tarbija tistieden lill-partijiet kollha jew xi wahda minnhom kif ukoll lill-wild li l-filjazzjoni tieghu tkun fid-dubbju sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz. Il-Qorti jkollha l-jedd li tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li jistghu jkunu gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawk l-ezamijiet. Meta t-tifel dwar il-filjazzjoni tieghu jkun hemm kwistjoni, jkun minuri, il-Qorti stess ghandha tistabilixxi jekk it-tifel jaghmilx l-ezamijiet. Iz-zmien li fih kellha ssir il-kawza ghad-denegata paternita' gie estiz minn tlett xhur ghal sitt xhur. Fil-kaz taht ezami "jekk huwa f'dak iz-zmien kien jinsab Malta".

Din il-Qort ghamlet dawn l-osservazzjonijiet fuq l-import tad-disposizzjonijiet kontestati mir-rikorrent u accennat wkoll ghar-ragunijiet li jimmotivaw l-legislatur li hekk jillimita d-dritt ta' azzjoni ta' denegata paternita', mhux biss kif kienet il-ligi allura imma wkoll kif kienet il-ligi

llum, proprju ghaliex in tema tad-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali kien jispetta lil din il-Qorti biex tezamina jekk tali limitazzjonijiet kienux allura u ghadhomx illum gustifikati f'socjeta' demokratika.

Jigi sottolinejat illi s-sentenza appellata fl-ebda hin ma ddikjarat illi l-artikolu 70 u 73 tal-Kodici Civili ma kienux in toto jew in parte kompatibbli mal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-verita' dikjarazzjoni simili ma gietx mitluba mir-rikorrent. Is-sentenza appellata tiddikjara li "qed tghid biss illi, fic-cirkostanzi partikolari tar-rikorrent, li l-ligi qatt ma hallietu juri mezzi xjentifici u genetici li bint martu ma hijiex bintu, (u f'dan) hemm ksur tad-dritt fondamentali tieghu ghar-rispett ta' hajja privata u tal-familja tieghu." L-Ewwel Qorti ddikjarat allura li kien hemm ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni in kwantu "l-ligi ma hallietu qatt iressaq prova xjentifika u genetika biex juri li t-tifla li welldet martu ma kenitx bintu".

Din il-Qorti allura tqis illi l-premessa tar-rikorrent ghat-talba tieghu fis-sens illi "d-dritt fondamentali tieghu ghandu jirrispetta l-hajja privata u familjari li jigbor fih ukoll id-dritt li r-relazzjoni familjari tkun regolata mic-certezza biologika u mhux mill-presunzjoni legali li ma tkunx taqbel mal-fatti kif tassew huma", hi fil-verita' incidentali ghad-dritt tar-ragel kif pretiz mir-rikorrent li jaccerta ruhu mill-paternita' ta' bint martu. In verita' dak li qieghed jippretendi r-rikorrent huwa illi l-ligi kellha ttih id-dritt illi jiddetermina l-paternita' - ghall-finijiet ta' l-istat civili u legali - b'mod

posittiv jew negattiv unikament a bazi tac-certezza biologika li tirrizulta mill-provi xjentifici u indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra li l-ligi kienet allura u ghadha llum, anke jekk bl-inqas rigur, tesigi u ad eskluzjoni taghhom . Din il-Qorti tmur oltre minn hekk u testendi l-argument lil hinn mill-htiega tac-certezza biologika tramite esperimenti xjentifici ghal kull xorta ta' prova ohra li tkun certa u li seta' jkollha ezistenza indipendenti minn dawk l-elementi l-ohra ta' prova konkomitanti li l-ligi kienet allura u ghadha llum tesigi. Dan ghaliex ic-certezza tal-prova tal-paternita' setghet ukoll tinstab *aliunde.* Din il-Qorti allura ma tarax ghaliex bl-istess argument tar-rikorrent (a) dik ix-xorta ta' prova, una volta tirrizulta, ma kellhiex tiddispensa minn kull rekwizit iehor li l-legislatur impona fid-disposizzjonijiet taht ezami u (b) li tali prova certa ma setghetx ukoll tkun deducibbli b'azzjoni ghad-denegata paternita' f'kull zmien u mhux fit-terminu li l-legislatur minn zmien ghal zmien stabilixxa.

L-enfasi fuq ic-certezza biologika li inghatat risalt fil-kaz Kroon, citat fis-sentenza appellata fil-fehma ta' din il-Qorti tisposta l-veru kwezit sollevat minn din ix-xorta ta' kawzi li fil-verita' jpoggu fid-dubbju kull xorta ta' restrizzjoni fuq, f'dan il-kaz ir-ragel, ir-ricerka tal-verita' dwar jekk hu kienx jew le missier it-tarbija ta' martu. Ic-certezza biologika, illum apparentament accertabbli u accessibbli, hi biss mezz ta' prova f'din ir-ricerka anke jekk jista' jkun li hi l-aktar wahda konkluziva. Din il-Qorti

ma tarax ghaliex kellha pero' teskludi certezza raggunta permezz ta' provi ohra.

Din il-Qorti allura tasal biex testendi t-talbiet tar-rikorrenti f'sens li jmur lil hinn mill-premessi stretti li fih hu arginat ir-rikors. Infatti hu jitlob illi l-Qorti taghtih kull rimedju li jidhrilha xieraq fosthom li tghid li hu jista' jmexxi quddiem il-Qorti kompetenti biex jichad il-paternita' minkejja kull limitazzjoni li hemm fl-artikolu 70 tal-Kodici Civili, wiehed jifhem kif issa emendat l-att tal-1993. Biex it-talba tar-rikorrent tkun kompleta, din il-Qorti tqis illi hu kien messu wkoll talab illi jigi mehlus mil-limitazzjoni taz-zmien ta' sitt xhur li fih ir-ragel seta' jaghmel il-kawza biex jichad li jaghraf it-tifel bhala ibnu kif issa stabbilit fl-artikolu 73 kif emendat bl-Att XXI tal-1993. In effetti l-azzjoni tar-rikorrent hi ntiza ghad-dikjarazzjoni illi kull limitazzjoni imposta bil-ligi fuq ezercizzju ta' dritt tieghu li jagixxi biex jaccerta ruhu mill-paternita' tal-wild ta' martu, kemm jekk hi ta' zmien kif ukoll jekk hi restrizzjoni xorta ohra, kienet in vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tieghu protett bl-artikolu (8) tal-Konvenzjoni. Hu kellu jesigi, jekk ried ikun konsistenti, illi kellu d-dritt illi f'kull zmien jipprova gudizzjarjament li hu ma kienx il-missier billi jinghata l-opportunita' ta' access lill-Qorti biex jipproduci dik il-prova certa li hu jikkontendi li kellu f'dan ir-rigward.

Il-kwezit guridiku kellu allura necessarjament ikun jekk ir-restrizzjonijiet li l-ligi civili indubbjament tpoggi fuq id-dritt ta' azzjoni tar-ragel kienux

legittimi u kienux "necessary in a democratic society …… for the protection of the rights and freedom of others" (subinciz (2) ta' l-artikolu 8). Kwezit dan illi jrid jigi ezaminat kemm fir-rigward tal-mertu strett taht ezami kif impostat mir-rikorrent u cioe' fir-rigward tad-divjet li jitressqu l-provi xjentifici biss kif ukoll fir-rigward ta' restrizzjonijiet ohra li l-istess ligi civili timponi. Il-konsiderazzjonijiet ta' dritt suggeriti u applikabbli huma identici ghal kull xorta ta' restrizzjoni u l-Qorti kellha l-obbligu li tezamina l-kwadru shih li dawn il-limitazzjonijiet kienu jipprezentaw biex tasal ghall-konvinciment jekk dawn kienux jew le mehtiega f'socjeta' demokratika. Jigi precizat f'dan l-istadju illi r-rikorrent mhux qed jibbaza t-talba tieghu fuq allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bejn id-dritt ta' azzjoni ta' cahda ta' paternita' accessibbli lir-ragel meta konfrontat mad-dritt accessibbli per ezempju lit-tifel jew lill-missier naturali jew anke lil omm ghar-ricerka tal-paternita. Lanqas ma hu in kontestazzjoni d-dritt tal-missier illi jesigi gudizzjarjament li jkollu l-prova xjentifika <u>bhala fatt</u> jekk hu kienx jew le missier it-tarbija. In effetti tali prova diga' skond l-appellat qeghda f'idejh u giet hekk akkwistata bil-ko-operazzjoni u b'att tal-volonta' tal-wild. Li hu in kontestazzjoni hu biss jekk ir-rikorrent kellux id-dritt fondamentali li jipproduci dik il-prova fattwali f'azzjoni gudizzjarja biex jichad li hu kien il-missier tat-tarbija u li tali prova, jekk tirrizulta, kellha titqies li kienet definittiva u tiddispensa minn kull xorta ta' limitazzjoni jew restrizzjoni ohra li l-ligi timponi u inoltre li tali azzjoni seta' jipproponiha f'kull zmien. Azzjoni gudizzjarja li l-finalita' taghha

tkun dik li tikser kull rabta familjari bejn ir-rikorrent appellat u dik li sal-lum kienet, certament legalment, meqjusa bhala bintu u li necessarjament timplika x-xoljiment ta' kull dritt u obbligu civili naxxenti minn tali rabta. Sewwa jinghad ukoll li fil-kaz taht ezami, bhala fatt, ma jirrizultax mill-atti li l-istat attwali li kienet tgawdi bint mart ir-rikorrent ma kienx konformi mal-istat legali taghha ta' bintu legittima.

Hu pacifiku mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja illi "*the essential object of article 8 is to protect the individual against arbitrary action by the public authorities. There may in addition be positive obligations inherent in an effective "respect" for family life. However the boundaries between the State's positive and negative obligations under this provision do not let themselves to precise definition. The applicable principles are nontheless similar. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole and in both contexts, the State enjoys a certain margin of appreciation*." (Keegan vs Ireland deciza mill-Qorti Ewropeja fis-26 ta' Mejju, 1994)

Il-Qorti kellha tara allura kemm jekk kienx hemm bilanc xieraq bejn l-interess tar-ragel li certament kellu d-dritt li jkun jaf jekk kienx il-missier jew le tat-tarbija u li wkoll jirregola l-hajja familjari tieghu skond dak it-taghrif u l-interess tat-tarbija li tgawdi c-certezza ta' l-istat civili taghha

kif kienet maghrufa u mrobbija, sew jekk dak l-istat kien wiehed ta' legittimita' sew jekk kien stat ta' illegittimita'. Din il-Qorti tifhem li llum l-orjentament socjali ma jidhirx illi kien favur li ssir enfasi zejda fuq il-presunzjoni ta' legittimita' jew li dak l-istat civili kien jirrikjedi xi protezzjoni specjali mil-ligi. Hu aktar propens lejn il-hsieb illi l-istat kellu interess li jipprotegi lill-ulied fit-tgawdija ta' dawk ir-rabtiet familjari illi jkunu gew maghha mahluqa u li tkun qed tgawdi (ara decizjoni tal-Kummissjoni Ewropeja, Applikazzjoni numru 22920/93 M.B. vs United Kingdom – 6 ta' April, 1994).

L-izviluppi legislattivi li saru anke f'pajjizna li jtendu biex jeliminaw id-differenza bejn l-istat legittimu u dak illegittimu, b'enfasi akbar fuq il-protezzjoni ta' kull individwu hu x'inhu t-tnissil tieghu, huma xhieda ta' dan l-orjentament li din il-Qorti tikkondividi. Anke jekk ghandu jigi precizat illi din it-tendenza posittiva li l-ulied legittimi u illegittimi jigu kemm jista' jkun ekwiparati u l-istigma socjali eliminata, kienet riflessa l-aktar f'disposizzjonijiet legislattivi li jirregolaw il-jeddijiet patrimonjali taghhom u mhux dawk li jirregolaw l-istat civili taghhom.

Din il-Qorti jehtigilha tissottolineja illi l-funzjoni taghha fl-ordinament guridiku nostran hu limitat ghall-applikazzjoni tal-ligi, kemm dik ordinarja kif ukoll dik kostituzzjonali u konvenzjonali, anke fejn mehtieg tramite interpretazzjoni dovuta fil-parametri konsentiti. Dan kuntrarjament ghal

dak li hu konsentit lill-Qrati f'xi ordinamenti guridici esteri, li jistghu bil-gudikati taghhom, in effetti jestendu l-parametri ta' disposizzjonijiet legislattivi oltre l-limiti interpretattivi taghhom, fejn, fil-fehma taghhom, l-interess tal-gustizzja u ekwita' hekk ikun jimponi. In effetti ikunu qeghdin f'certu sens jillegiferaw. Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti ma tistax ma tistqarrx illi l-kwezit kostituzzjonali quddiemha jippostula diffikulta' di fondo ta' konflitt bejn ir-rejalta' fattwali u c-certezza legali. Ir-realta' fattwali fil-kaz taht ezami hi d-definizzjoni biologika tad-dubbju dwar il-paternita' li tirrizulta mill-ezami xjentifiku. Ic-certezza legali tirrizulta invece mill-verifika tal-kondizzjonijiet li l-ligi tesigi biex taccerta ruhha legalment mill-paternita. Fil-waqt li r-realta' fattwali indubbjament, jekk provata, twassal ghall-verita' rejali, ic-certezza legali setghet kultant twassal biss ghall-verita' virtwali. Dan ghaliex jista' jigri, kif hu allegat fil-kaz taht ezami, li r-realta' fatttwali ma tkunx tikkorrispondi mac-certezza legali. Kien minn hawn illi, jista' jekk jigu stabbiliti l-provi kif allegati, jinholoq il-konflitt li jehtieg li jigi rizolt.

Konflitti ta' din ix-xorta indubbjament javveraw ruhhom f'diversi oqsma tal-ligi u mhux biss f'materja ta' jeddijiet fondamentali jew ta' l-istat civili. Kif inghad minn dawn il-Qrati, kienu bhala regola tenuti li jirrizolvuhom bl-<u>applikazzjoni tal-ligi</u> u allura tendenti favur ic-certezza legali. Il-mertu ta' dan ir-rikors ghadu l-oggett ta' dibattitu u kontestazzjoni ta' f'hafna pajjizi fosthom l-Istati Uniti, fejn il-Qrati jistghu jkunu u huma proattivi fil-

gudikati taghhom sal-punt li effettivament jipprovokaw lill-legislatur biex jillegisla konformament mal-gudikati taghhom.

"*Consider the current controversy over the use of DNA testing in paternity cases. In Maryland the state court of appeals ruled this summer (four to three) in Langston vs Riffe that men are entitled to use DNA tests to contest prior findings of paternity, <u>at virtually any time</u>. The court expressly declined to put a time limit on paternity challenges under Maryland law and rejected the notion that an application for a DNA test should be granted only if the test is deemed to be in the best interest of the child … … If the cornerstone of your identity is a lie, it may be in your best long-term interest to uncover it, especially if you're concerned about your genetic inheritance. In any case, if a man is ordered to pay child support by mistake, on the basis of inaccurate information or a knowingly false charge of paternity, fairness demands that the mistake be acknowledged … … Excessive deference to the finality of judicial rulings is quite dangerous … … Ideally, the judical system should be driven by a vision of fairness and equal treatment, whomever it benefits*." (Fathers in Court by Wendy Kaminer - http://www.prospect.org/print/V11/21/kaminer-w.html)

Dan id-dibattitu li hu attwali u qawwi fil-parti l-kbira ta' l-istati fl-Istati Uniti fejn il-Qrati "*rely on a five hundred year old English common law*

*doctrine which presumes a man is the legal father of any child born to his wife during their marriage*" u fejn ilkoll jimponu terminu mid-data tat-twelid li fih il-paternita' setghet tigi negata mir-ragel, ghadu ma gie bl-ebda mod rizolt. Dan proprju ghaliex ghadu ma nstabx dak il-bilanc gust u mehtieg bejn l-interessi konfliggenti tal-partijiet involuti b'mod partikolari tal-minuri u dak tas-socjeta' in generali li tassigura l-istabilita' tan-nukleju familjari u kif inhu kompost. Dubbju assillanti dan, illi kuntrarjament ghall-impressjoni li wiehed jista' jiehu mis-sentenza appellata li strahet esklussivament fuq is-sentenza tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Kroon, ghadu jipprevali ukoll fil-gurisprudenza ta' l-organi gudizzjarji Ewropej, kif hu ovvju minn dak l-istess gudikat u ohrajn li ghalihom ser issir riferenza.

Fil-waqt li din il-Qorti ma tikkontestax id-dictum fil-kaz "Kroon vs Olanda" citat fis-sentenza appellata illi "*in the Court's opinion "respect" for "family life" requires that biological and social reality prevail over a legal presumption … …".* Dan proprju ghaliex tali presunzjoni kellha tkun biss *iuris tantum* soggetta u sottomessa ghar-ricerka tal-verita' fattwali li kellha finalment tipprevali. Dik is-sentenza pero' bl-ebda mod ma elevat dak id-dictum ghall-principju assolut.

Gie infatti espress f'dan il-kuntest:-

"*In the court's opinion "respect" for "family life" requires that biological and social reality prevail over a legal presumption which as in the present case flies, in the face of both established fact and the wishes of those concerned without actually benefiting anyone. Accordingly, the Court concludes that, even having regard to the margin of appreciation left to the State, the Netherlands has failed to secure to the applicants the "respect" of their family life to which they are entitled under the Convention.*"

F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(a) Il-Qorti Ewropeja waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkostatat illi "*the boundaries between the State's positive and negative obligations under this provision (article 8) do not lend themselves to precise definition"* imma li f'kull kaz il-principji applikabbli kienu simili. Dik il-Qorti rribadiet illi *"in both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interest of the individual and the community as a whole and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation (See as the most recent authority theabove mentioned Keegan judgment)*." Ciononostante fil-kaz taht ezami, il-Qorti Ewropeja evitat li tippronunzja ruhha fuq il-konformita' tad-disposizzjoni tal-ligi nazzjonali Olandiza mal-Konvenzjoni Ewropeja, in tema ta' jedd fondamentali. Disposizzjoni li

kienet naturalment rifless fuq ezercizzju ta' dak il-*margin of appreciation* li dak l-Istat dikjaratament kellu. Minflok il-Qorti Ewropeja ppreferiet tippronunzja gudizzju fuq il-fatti tal-kaz partikolari minghajr ma inkwadrathom f'ezami tal-validita' tal-provvedimenti ta' ligi li kienu jiggvernaw fl-Istat konvenut. Precedent dan mhux nieqes minn konsegwenzi u certament din il-Qorti ma tistax u ma ghandhiex issegwi *sic et sempliciter*. Hu proprju f'dan illi fil-fehma ta' din il-Qorti is-sentenza appellata ma setghetx tigi sostnuta.

Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti ma kienx guridikament korrett illi jigi ritenut li kien hemm ksur taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja konsistenti <u>fil-fatt</u> illi l-ligi ma halliet qatt lir-rikorrent appellat iressaq prova xjentifika u genetika biex juri li t-tifla li welldet martu ma kenitx bintu minghajr ma jkun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-artikoli 70 u 73 tal-Kodici Civili ma humiex f'dan u sa hawn kompatibbli mal-Konvenzjoni Ewropeja. Una volta dak il-<u>fatt</u> u cioe' ic-cahda ta' l-opportunita' lir-rikorrent li jipproduci l-prova li xtaq f'process gudizzjarju, kien rizultat ta' disposizzjoni tal-ligi u skond dik il-ligi, ir-rikorrent kien tenut li jimpunja dawk id-disposizzjonijiet bhala lezivi tal-jeddijiet fondamentali tieghu u, bhala tali, mhux in konformita' mal-Konvenzjoni u mal-Kostituzzjoni. Ma jaghmilx sens li r-rikorrent jinghata l-opportunita' li jressaq il-prova xjentifika li xtaq biex jistabilixxi r-realta' fattwali b'azzjoni ta' denegata paternita' kontra dik li kienet martu u kontra t-tifla

ta' martu, li ma kienux partijiet fil-prezenti istanza, meta fl-istess hin il-Qorti tiddikjara illi f'dik il-kawza xorta dawn il-konvenuti jkunu f'posizzjoni li jressqu l-eccezzjonijiet taht l-artikolu 73 tal-Kodici Civili u cioe' dik li l-azzjoni kienet estinta bid-dekors tat-terminu ta' sitt xhur. Din il-Qorti tqis allura illi kif impostata l-kawza u kif redatta d-decide, lanqas ma hu eskluz li l-konvenuti f'dik il-kawza javanzaw eccezzjonijiet ohra lilhom kompetenti anke taht l-incizi ta' l-artikolu 70 li, fil-verita', ma jaccettax il-prova li ssir permezz ta' testijiet u provi genetici u xjentifici wahedhom bhala bizzejjed biex l-azzjoni ta' denegata paternita' tkun tentata b'success. (Ara konsiderazzjonijiet aktar 'il fuq).

Dan apparti l-fatt kif fuq rilevat li, kuntarjament ghal dak premess mir-rikorrent ghat-talba tieghu, l-artikolu 70 espressament jipprospetta l-produzzjoni ta' provi xjentifici u genetici u jippermettihom f'azzjoni ta' denegata paternita'. Il-qofol tal-vertenza allura kellu jkun mhux il-produzzjoni ta' tali prova imma l-validita' taghha u cioe' jekk kellhiex tkun wahedha u bizzejjed determinanti biex tistabilixxi li r-ragel ma kienx il-missier, u dan ad eskluzjoni ta' kull element iehor rikjest fl-istess artikolu, u jekk tali prova, jew kull xorta ta' prova ohra determinanti, setghetx tingieb mir-ragel b'azzjoni proposta f'kull zmien. Mertu dan li la kien propost fir-rikors promotur u lanqas gie investit u deciz fis-sentenza appellata. Sentenza li kjarament segwit l-insenjament tal-kaz Kroon li

pero' l-fattispecje tieghu kienu *toto coelo* differenti minn dawk taht ezami.

Fil-verita' l-motivazzjoni li nduciet lill-Qorti Ewropeja tasal ghall-konkluzjoni li tiddeciedi favur ir-rikorrent kienet il-fatti partikolari tal-kaz fejn kellek minuri li kienet qed tifforma parti u tgawdi minn nukleju familjari li kien jaqbel mal-"*biological and social reality*" u kien dan l-istat ta' fatt li ma kienx qed jaqbel mal-presunzjoni legali. Inoltre jirrizulta provat illi kull min kien interessat fil-kawza kellu l-istess interess u xewqa. Hadd ma kien qieghed jikkontesta t-talba u allura l-posizzjoni legali tal-paternita' tar-ragel ta' l-omm ma kienet qeghda tibbenefika lil hadd proprju ghaliex dan ma kienx interessat li jibqa' jigi rikonoxxut bhala l-"missier legali" tal-minuri. Ix-xenarju fil-kaz taht ezami huwa ghal kollox differenti. Il-kontestazzjoni kemm ta' l-omm kif ukoll ta' bintha tirrizulta cara mill-atti. Huma nfatti nsistew li jkunu parti f'din il-kawza. Talba li giet mill-Ewwel Qorti michuda. Il-presunzjoni legali kjarament tivvaforixxi lill-bint, li attwalment tgawdi l-istat tat-tifla legittima tar-rikorrent bil-konsegwenzi legali kollha li tali stat igib. Inoltre ma tirrizultax il-prova illi r-rejalta socjali li fiha trabbiet il-bint kienet differenti minn dik dikjarata fl-att tat-twelid taghha konsegwenzjali ghall-presunzjoni legali b'din l-azzjoni kontestata. Il-frazi "social reality" abbinata, fis-sentenza Kroon, mal-"biological reality" ghandha tigi valorizzata. Dana fis-sens illi, kuntrarjament ghal dak illi qed jinsisti

fuqu r-rikorrent, is-sentenza Kroon ma bbazatx ruhha biss fuq ic-certezza biologika imma wkoll fuq il-kostatazzjoni, bhala fatt provat, illi n-nukleju familjari tal-"familja" Kroon ma kienx jikkorrispondi ma' l-istat civili, bil-ligi, attribwit il-wild. Kuncetti guridici dawn li ma huma xejn estraneji ghall-ordinament nostran u anzi jsibu ekwu f'diversi provvedimenti tal-Kodici Civili u istituti ohra.

(b) Il-kaz Kroon strettament kellu jigi kwalifikat bhala wiehed ta' ricerka ta' paternita' u mhux wiehed ta' denegata paternita' anke jekk il-principji u l-kwistjonijiet involuti kienu tista' tghid l-istess. Mill-banda l-ohra l-kaz Rasmussen (9/1983) deciz fit-28 ta' Novembru 1984 kien proprju wiehed li jirrigwarda denegata paternita' kontra d-Danimarka u kien jikkontesta disposizzjonijiet tal-ligi Daniza li wkoll kienu jimponu limitu ta' zmien ghall-prezentata tal-azzjoni tad-denegata paternita' u limitazzjonijiet ohra anke jekk aktar liberali u vantaggjuzi minn dawk nostrani. Hekk gie ritenut f'dik is-sentenza:-

"*The Court has had close regard to the circumstances and the general background and has borne in mind the margin of appreciation which must be allowed to the authorities in the matter. In its view, they were entitled to think that the introduction of time-limits for the instituition of paternity proceedings was justified by the desire to ensure legal certainty and to protect the interests of the child. In this respect, the*

*legislation complained of did not differ substantially from that of most other contracting States … …*".

F'dak il-kaz il-Qorti, anke jekk kwazi ghaxar snin qabel il-kaz Kroon, sabet li ma kienx hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 8.

(c) Bejn dawn iz-zewg decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja, kien hemm almenu zewg decizjonijiet ohra tal-Konvenzjoni Ewropeja b'applikazzjonijiet b'mertu simili. Wahda fl-14 ta' Ottubru, 1992, applikazzjoni numru 19345/92 fl-ismijiet "B.H vs Austria". F'dan il-kaz gie ribadit illi:- "In paternity matters the c*ontracting States are entitled to think that the introduction of time-limits is justified to ensure legal certainty and the interests of the child*". Il-Kummissjoni waslet ghall-konkluzjoni illi:- "*In these circumstances the Commission finds that the statutory time-limit to raise objections against recognitiion of paternity does not disclose any lack of respect for the applicant's private and family life. Consequently there is no indication of a breach of Article 8 of the Convention.*" Il-Kummissjoni ddecidiet li l-applikazzjoni kienet inammissibbli.

(d) Fil-kaz l-iehor quddiem il-Kummissjoni, applikazzjoni numru 22920/93 deciz fis-6 ta' April 1994 fl-ismijiet "M.B vs United Kingdom", il-Kummissjoni ddecidiet l-applikazzjoni inammissbbli avolja gie lilha

sottomess mill-applikant illi:- "*The refusal to allow him to uncover the truth about an important aspect of his personal identity, namely, the nature of his relationship with E, affects his private life.*" F'dak il-kaz il-Kummissjoni kellha tikkonsidra jekk ir-rifjut tal-Qrati nazzjonali li jordnaw li jsir *bloodtest* proprju biex jistabilixxu paternita' ta' l-applikant – mertu dan konsimili ma' dak taht ezami – kienx jammonta ghal nuqqas ta' rispett lejn il-hajja privata tieghu. Il-Kummissjoni hekk iddeliberat:-

"*In this case, the Commission recalls that the courts refused to order a blood test since, in their view, it would not be in the interest of the child. They relied on the consideration that the child's welfare was bound up inextricably with the family unit in which she was being brought and the risk of disturbing the stability of that family by a blood test would be to her detriment. The Commission finds nothing arbitrary or unreasonable in this assessment of the child's interests, given than the applicant was making no claim for custody. As the Commission found in a previous case, there are sound reasons of legal certainty and security of family relationships for States to apply a general presumption according to which a married man is regarded as the father of his wife's children and to require good cause before allowing the presumption to be disturbed (See No. 18535/91, Comm. Rep. 7.4.93). On the same basis, it is justifiable for domestic courts to give greater weight to the interests of the child and the family in which it lives than to the interest of an*

*applicant in obtaining verification or otherwise of a biological fact.*" Il-Kummissjoni allura anke f'dan il-kaz ma sabitx vjolazzjoni ta' l-artikolu 8.

(e) Fl-ahharnett, il-Qorti Ewropeja fid-19 ta' Ottubru, 1999 – issa allura wara l-kaz Kroon – iddecidiet dwar l-ammissibilita' ta' l-applikazzjoni ta' "Ibrahim Yildirim vs Austria" (Applikazzjoni numru 34308/96). Dan l-ilment kien ukoll fis-sens illi minhabba provvedimenti procedurali fil-proceduri quddiem il-Qorti amministrattiva tal-pajjiz konvenut, fosthom l-imposizzjoni ta' terminu li fih kellha tigi dedotta l-azzjoni, l-applikant ma kellux l-opportunita' li jipprocedi ghad-denegata paternita. Il-Qorti Ewropeja filwaqt li ddikjarat dik l-applikazzjoni inammissibli, hekk ikkunsidrat inter alia:-

"*The applicant argues that it cannot be in the public interest to maintain a legal presumption of his paternity while his divorced wife admitted that he was not the father of the child. (*F'dan il-kaz ghandna prova li tista' tkun konkluziva dwar il-paternita' tat-tarbija li ma kenitx dik biologika u xjentifika). *However, in this respect the court recalls that there are legitimate reasons of legal certainty and the security of family relationships for States to apply a general presumption that a married man is to be regarded as the father of his wife's children. (see no. 27110/95, Nylynd vs Finland deciza fid-29 ta' Gunju, 1999) … …"*

*Further, the domestic authorities pointed out that the introduction of such proceedings by the public prosecutor* (li taht l-ordinament Awstrijaku seta' jawtorizza l-procedura tad-denegata paternita' anke wara li jiskadi t-terminu preskritt) *would not have served the interests of the child, who risked losing her maintenance claim against the applicant, whilst the determination of her natural father's identity remained uncertain. Thus, the present application differs fundamentally from the above-mentioned Kroon and Others case, which concerned biological parents and their child which was born some seven years after its mother had separated from her husband and lost contact with him, where the presumption of legitimacy could not be disproved by those concerned and hindered the intended recognition of the child by its biological father, without actually benefiting anyone*."

Din ir-riferenza ghall-kazistika tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja hi mahsuba proprju biex tissottolineja mhux biss illi l-mertu tar-rikors ma setghax jigi rizolt sempliciment bl-accettazzjoni ghamja tal-massima illi r-rispett ghall-*family life* li jesigi illi r-realta' biologika u socjali tipprevali fuq il-presunzjoni legali – principju dan li kif fuq illustrat ma jistax jitqies illi kien pacifiku u universalment accettat, imma wkoll biex jigi enfasizzat illi tali massima, illi indubbjament ghandu sinifikat notevoli bhala element vitali ta' l-azzjoni tad-denegata paternita', kellu pero' jigi meqjus u valutat fid-dawl ta' principji u valuri daqstant validi bhal ma

kienu l-interess tal-wild, l-identita' tan-nukleju familjari u l-istabilita' tas-socjeta'. Principji dawn ta' l-ahhar illi jidher li hu pacifiku, tista' tghid f'kull wahda mis-sentenzi li din il-Qorti irnexxilha tirrintraccja, li jikkonvalidaw id-dritt ta' l-Istat li jimponi certi limiti fuq l-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' denegata paternita'. Dan hu mill-Qorti Ewropeja imholli fl-hekk imsejjah "*margin of appreciation*" ta' l-istat konvenut. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellat illi, meta' l-lanzjanza dwar l-allegat ksur tal-jedd fondamentali tkun qed issir quddiem Qorti nazzjonali, kien jispetta lill-Qorti Kostituzzjonali tal-pajjiz illi tivverifika jekk il-legislazzjoni kenitx jew le tali illi tissodisfa dawk il-kriterji ta' bilanc gust li kellu jinzamm bejn l-interessi differenti ta' individwi involuti, kemm jekk hu l-missier naturali, ir-ragel u martu, omm il-wild, u l-istess wild, kif ukoll dawk tas-socjeta' in generali. Naturalment kien f'idejn l-istat biex jassigura dak il-bilanc, b'legislazzjoni appozita. Il-Qorti Kostituzzjonali setghet biss tintervjeni jekk dak il-bilanc jirrizultalha li jkun manifestament u gravament disturbat b'mod li jwassal ghal-lezjoni tal-jedd fondamentali ta' l-individwu, f'dan il-kaz tar-ragel ta' omm it-tarbija. Lezjoni li setghet tirrizulta minn certi cirkostanzi fosthom il-verifika jekk il-limitazzjonijiet li l-ligi tpoggi fuqu fl-ezercizzju ta' dritt ta' denegata paternita', kienux necessarji f'socjeta' demokratika ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ohrajn kif ukoll jekk kienx diskriminat fil-konfront ta' min seta' bil-ligi jipproponi l-azzjoni ghar-ricerka tal-paternita u dana bla ebda limitu ta' zmien li jestingwi tali azzjoni. Ir-rikors promotur ma

huwiex pero' propost f'dawn it-termini. Is-sentenza appellata ma tindirizzax il-mertu minn din l-ottika u konsegwentement id-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti ma setghetx tkun sostnuta.

Finalment din il-Qorti tosserva illi hadd ma jista' jikkontesta illi l-idejal ikun fejn ic-certezza legali tkun tikkorrispondi ghar-rejalta' fattwali. Indubbjament il-fatti allegati mir-rikorrent, jekk provati, ma jistghux ma joholqux sitwazzjoni inkrexxjuza li tharbat ir-relazzjonijiet familjari bejnu u bejn il-persuna li l-ligi tirrikonoxxi bhala bintu. Hu veru wkoll li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ir-rizultat ahhari jkun li l-individwi kollha nvoluti jkunu qeghdin jghixu f'gidba. Mill-banda l-ohra, l-Istat kien u hu preokkupat biex jipprotegi l-istabilita' tan-nukleju familjari u wkoll u fuq kollox l-interessi ta' l-ulied. Kien allura ndikat illi disposizzjonijiet ta' din ix-xorta fil-Kodici Civili u ligijiet ohra jinzammu kostantement taht l-iskrutinju tal-legislatur biex jigu mirquma u aggornati skond il-htiega tenut kont tac-cirkostanzi kollha fosthom l-izviluppi fix-xjenza u t-tibdil fl-orjentamenti socjali u familjari.

Stante li l-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni fil-mertu, mhux il-kaz illi tinvesti kwistjonijiet ohra sollevati fl-aggravju ta' l-appellant l-Avukat Generali. Inoltre l-konsiderandi li din il-Qorti appena elaborat jindirizzaw ukoll, fis-sostanza, l-aggravju ta' l-appellanti tat-terz Sharon Borg.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej:

1. tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u l-appell ta' Sharon Borg u dana bil-precizazzjonijiet maghmulha aktar 'il fuq fil-konsiderandi ta' din is-sentenza u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata;

2. konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrent Maurice Mizzi kif dedotta.

L-ispejjez taz-zewg istanzi stante n-novita' tal-meritu jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep. Reg.

cb.